# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Charlotte Curmi)**

**Vs**

**Lorna Muscat**

**Kawza: Kolluzzjonijiet**

Illum, 6 ta' Mejju, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Lorna Muscat**(I.D. 0402790M) bint Alfred u Emanuela nee' Borg imwielda fil-22.08.1990 u toqghod Luxe Mans 2 Azurite Triq il-Biedja Mosta akkuzata talli fil-22 ta' Settembru, 2022 ghall-habta ta' 8:45 hrs f'Triq Fleur De Lys B'Kara soqt vettura b' numru ta' registrazzjoni JQZ06:

1. U b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkagunajt offiza gravi fuq il-persuna ta' Carmelo Coleiro minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skond kif iccertifika Dr Karim Abdalla MD mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.
Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena skond il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli Kap. 9 Art 226 (1)(b), L.S. 65.18 Art 36B u L.S. 65.18 Sitt Skeda.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazlet li ma tixhidx.
Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz.
Rat li d-difiza minghajr pregudizzju ghal kwalsijasi kawza cilici. ma oggezzjonatx li l-offiza kienu ta' natura gravi.

Semghet it-Trattazzjoni.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Carmelo Coleiro, xehed hekk :**

Pros: Sinjur inti kont involut f`x incident?

Xhud: Ijja spjega il-pulizija kif sehh dan l-incident meta u fejn?

Xhud: Il-post l-Iklin ezatt fejn l-Scotts Supermarket kont sejjer ghax-xoghol naghmel cycling ghax inhobb cycling bejn it-8.00 u 8.30 kif wasalt,

Pros: Id-data sinjur?

Xhud: Id-data 22 May 2022.

Pros: Spjegalna wahda x`gara sinjur?

Xhud: Kif wasalt fl-post ezatt kont cycling bil-mountain bike kif wasalt ipparkjat is-sinjura Lorna fethtli il-bieba mal-ewwel u laqtitni bil-bieba Ms. Lorna.

Qorti: Qeghda fl-awla?

Xhud: Ehe ehe hemmekk is-sinjura.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputata.

Xhud: Ezatt fethitli il-bieba l-ewwel daqqa laqtitni fi spallti carrtitli spallti u l-isteering tar-rota dahalli fir-rib u inkisirli rib u ma stajtx niehu nifs ghall-zewg minuti ippruvajt umbaghad xi hadd cempel l–ambulanza l-ewwel ma tigi karozza b`4 nurses umbaghad giet l-ambulanza ma tantx damet umbagahd beda gej in-nifs bilmod imma kif haduni spiccajt l-emeregnza u ahduli testijiet u ndunaw li ghandi rib miksur u shoulder imcarrta.

Pros: Konsegwenza ta dan sinjur kemm domt inti biex tigi normali?

Xhud: Biex ghaqad ir-rib ha 6 gimghat nahdem l-isptar ta ghalekk naf x`igifieri u gimgahtejn id-dar, nieqes mix-xoghol ghamilt gimaghtejn gahndi certifikati kollox.

Pros: Il-vettura tiftakar x`number plate kellha?

Xhud: Ma nafx ghax dak il-hin kont mugugh hafna naf li kif ipparkjat ezatt fethet il-bieba.

Pros: Tiftakar l-ghamla jew il-kulur taghha?

Xhud: Minghalija bajda imma ma nafx ghax bid-daqqa tirt u ezatt beda gej l-ugiegh hafna u nifs beda jinqatali ghax habba r-rib hekk jaghmel.

Avu: X`dokumenti ghandek sinjur?

Xhud: Dawn … … tar-rota u c-certifikati qeghdin hawn.

Qorti: Mela DOK CC tal-isptar,

XHud: Issa t-tabib ghamilli li kont fit-22/9/2022 huwa kitibli kollox sabli injureis u hekk.

Avu: Igifieri inti wara l-incident fejn mort, mort id-dar?

Xhud: Zammni hafna l-emergenza giet l-ambulanza ghalija bqajt hemm.

Avu: Jigifieir dak ic-certifikat x`hin hargu t-tabib?

Xhud: Mela mela kien ha jzommni imma qalli rib jaghqad wahdu nista nibghatek id-dar u qadt gimghatejn imma umbaghad wara gimghatejn dahlt ghax-xoghol mma kont mugugh hafna gahx ir-rib ghandu 6 gimaghat biex jaghqad.

Avu: Jigifieri hemmekk ic-certifikat x`hin rak it-tabib l-isptar hargu ezatt wara l-incident?

Xhud: Ijja mela.

Avu: Rigard ir-rota xi hsarat kellek?

Xhud: Il-hsarat ghandi kollox hawnekk.

Avu: Inti mil-insurance hadt xi haga?

Xhud: Le le ghadni ma hadt xejn.

Avu2: Sewwa mela ara l-incident ezatt bhala post fejn sehh?

Xhud: L-Iklin hdejn l-Scotts ezatt.

Avu2: Naqblu li meta kont gahddej kont b`training ghaddej?

Xhud: Ijja jiena dejjem b`training immur.

Avu2: Naqblu allura li meta kont ghaddej li kellek rasek baxxuta u ma rajtx il-biena miftuha diga?

Xhud: Hi fethitieli f`daqqa jien dejjem noqghod attent hafna.

Avu2: Igifieri inti qed tghid il-karozza ma rajtiex bilbieba miftuha?

Xhud: Imma id-daqqa mal-ewwel haddtha u tirt ma stajtx nara in-numru u l-karozza.

Qorti: Kemm kont l-boghod minnha meta fethet il-bieba?

Xhud: Kont wasalt fuqha u ma stajtx niskapulaha.

PS 2145G Camilleri xehed permezz ta' affidavid.

L-imputata Lorna Muscat ghazlet li ma tixhidx.

**Konkluzjonijiet**

Ix-xhud Carmelo Coleiro xehed li l-incident odjern sehh go l-Iklin u mhux B'Kara u inoltre, xehed li l-incident sehh f'Mejju ta' 2022 u mhux Settembru ta' 2022.

Jigi rilevat ukoll li d-dikjarazzjoni minn ta' Lorna Muscat ittiehdet min PS 2145 G Camilleri minghajr ma hi inghatat t-twissija tad- dritt li tikkonsulta avukat u d-dritt tas-silenzju.

F'dawn ic-cirkostanzi ma hemmx il-grad ta' provi rikjest fil-kamp kriminali sabiex tinstab xi htija da parti ta' Lorna Muscat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi kollha ma ssibx li Lorna Muscat hatja ta' l-ebda imputazzjoni u tilliberaha minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**